Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,742, 26 ta' Novembru, 2021
Taqsima B

A.L. 459 tal-2021

ATT DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI MINN PERSUNI MHUX RESIDENTI (KAP. 246)

Ordni tal-2021 dwar Żona ta' *The Quad Business Towers*, Mrieħel, Estensjoni I, bħala Żona Speċjali Msemmija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 8 tal-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti u l-artikolu 3 tar-Regolamenti dwar Tismija ta' Żoni Speċjali dwar Proprjetà Immobbli, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 dwar Żona ta' *The Quad Business Towers*, Mrieħel, Estensjoni I, bħala Żona Speċjali Msemmija.

Tismija ta' Żona Speċjali.


2. *The Quad Business Towers*, Mrieħel, Estensjoni I, li tikkonsisti fi proprjetà immobbli sitwata fiż-żona delineata bl-aħmar fil-Pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet annessa ma' dan l-ordni, hija b'dan imsemmija bħala Żona Speċjali Msemmija għall-finijiet tal-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti.

Kap. 246.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti. Kap. 246.

3. *The Quad Business Towers*, Mrieħel, Estensjoni I għandha tiżdied mal-Lista ta' Żoni Skedati fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti.

B 3832


TRIQ IL-MERGH
BIRKIRKARA
L-Imnieħel
Scale 1:1000
0 20 40 60 80 100m
Gvern ta' Malta
Reġistru ta' l-Artijiet
Government of Malta
Land Registry
LR 154431